# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?



SERVIZZ PUBBLIKU
*dejjem miegħek*

## Karrieri mal-annimali



**Hawn nies li tant iħobbu l-annimali li jkunu jridu jaħdmu magħhom ukoll.**
**Int wieħed jew waħda minnhom?**




Fis-Servizz Pubbliku hemm diversi xogħlijiet relatati mal-annimali u ż-żamma tagħhom – nies li jħobbu l-annimali tant li xogħolhom hu li jaraw li ma jbatux, kif ukoll jassiguraw li kull min iżomm l-annimali jieħu ħsiebhom u jittrattahom sew.

Bħan-nies l-annimali wkoll ikollhom bżonn it-tobba tagħhom. Dawn jissejħu 'veterinarji' u jridu jistudjaw daqs tobba oħra imma jispeċjalizzaw fil-kreaturi ħbieb tal-bniedem. Bħat-tobba tan-nies il-veterinarji m'għandhomx ħinijiet fissi, biex dejjem jaraw kif ifejqu u jipprevenu l-mard. Importanti wkoll li jibqgħu dejjem jistudjaw sabiex iżommu ruħhom aġġornati mas-suġġett.

Il-veterinarji, flimkien ma' uffiċjali pubbliċi oħra li jassistuhom, għandhom ukoll ir-rwol li jwettqu żjarat jew aħjar spezzjonijiet f'postijiet li jżommu l-annimali. Dan isir biex jassiguraw li l-ħlejjaq kollha huma trattati kif suppost. Jekk isibu xi persuni li jabbużaw mill-annimali, bħal pereżempju jżommu ħafna annimali bil-ġuħ, jew f'xi post żgħir, allura jridu jieħdu azzjoni anke bl-għajnuna tal-Pulizija. F'każ li jinstabu annimali morda, allura trid tittieħed azzjoni immedjata, speċjalment jekk il-marda tkun tittieħed.

Fis-Servizz Pubbliku hemm ukoll is-sezzjoni li tissejjaħ 'Animal Welfare', fejn uffiċjali pubbliċi jkunu mħarrġa biex ikunu ta' għajnuna għall-annimali skont il-bżonn. Mhux l-ewwel darba li jmorru jiġru b'ambulanza apposta biex isalvaw annimali mweġġgħin jew li jkunu sabu ruħhom f'xi periklu! Dawn jirċievu telefonati fuq 1717, li hu n-numru li trid iċċempel meta tiltaqa' ma' każijiet simili. L-Animal Welfare taħdem il-ħin kollu, anke billejl.

Anke l-annimali li jitrabbew biex jagħtuna l-ikel, bħal ngħidu aħna t-tiġieġ, il-baqar u l-ħnieżer, xorta għandhom dritt jgħixu b'mod diċenti sakemm ikunu ħajjin, u dritt li jinqatlu malajr u bla wġigħ. Dan huwa kollu xogħol li jinvolvi dedikazzjoni kbira.

Uffiċjali tas-Servizz Pubbliku jieħdu ħsieb ukoll ir-razzett tal-Gvern, li jinsab l-Għammieri. Dan hu post interessanti immens għax hemm jinżammu ħafna annimali lokali li kważi spiċċaw. Għalhekk dawn l-uffiċjali jħaddmu dawk li jissejħu 'programmi ta' konservazzjoni', biex il-popolazzjoni ta' dawn l-annimali ma tispiċċax u b'hekk nibqgħu ngawduhom.



Fost dawn l-annimali fl-Għammieri bħalissa nsibu l-għoġol Malti, nagħaġ u mogħoż kif ukoll it-tiġieġa s-sewda. Dawn l-annimali jkun hemm nies li jieħdu ħsiebhom kuljum, min biex jagħtihom l-ikel u jara li ma jonqoshom xejn u min biex ikompli jistudjahom b'aktar riċerka.

Dan jurina kif is-Servizz Pubbliku għandu varjetà ta' ħaddiema f'dan il-qasam – minn veterinarji sa Animal Welfare Officers, xjentisti u uffiċjali oħra, li flimkien jaħdmu favur l-annimali kuljum, b'sodisfazzjon kbir.














